

31999L0023

21.4.1999

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 104/13

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 1999/23/KE**tad-9 ta' April 1999****li tadatta għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 93/33/KEE fuq l-apparati protettivi maħsuba sabiex jipprevienu l-użu mhux awtorizzat ta' vetturi b'żewġ roti jew tlieta****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

L-Artikolu 1

L-Anness I tad-Direttiva 93/33/KEE qiegħed b'hekk jiġi emendat skond l-Anness ta' din id-Direttiva.

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/61/KEE tat-30 ta' Ġunju 1992 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi b'żewġ roti jew tlieta ⁽¹⁾, kif emendata bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tagħha,**L-Artikolu 2**Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 93/33/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1993 dwar l-apparati protettivi maħsuba sabiex jipprevienu l-użu mhux awtorizzat ta' vetturi b'żewġ roti jew tlieta ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tagħha,

1. B'effett mill-1 ta' Jannar 2000, l-Istati Membri m'għandhomx, għal raġunijiet relatati ma' l-apparati protettivi maħsuba biex jipprevienu l-użu mhux awtorizzat:

(1) Billi d-Direttiva 93/33/KEE hija waħda mid-Direttivi separati tal-proċeduri ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-Komunità introdotta bid-Direttiva 92/61/KEE; billi d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 92/61/KEE dwar is-sistemi tal-vetturi, l-komponenti u l-unitajiet tekniċi għalhekk japplikaw għal dik id-Direttiva.

- jirrifjutaw, fir-rigward ta' tip ta' vettura b'żewġ roti jew tlieta jew ta' tip ta' apparat protettiv maħsub biex jipprevienu l-użu mhux awtorizzat, li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip tal-KE,
- jimpedixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi b'żewġ roti jew tlieta, jew il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' l-apparati protettivi maħsuba biex jipprevienu l-użu mhux awtorizzat,

jekk l-apparati protettivi maħsuba biex jipprevienu l-użu mhux awtorizzat ikunu konformi mal-ħtiġiet tad-Direttiva 93/33/KEE kif emendata b'din id-Direttiva.

(2) Billi l-iżviluppi fit-teknoloġija issa jippermettu l-aġġustamenti tad-Direttiva tal-Kunsill 93/33/KEE għall-progress tekniku; billi biex jiġi assigurat it-tħaddim xieraq tas-sistema ta' l-approvazzjoni tat-tip bħala ħaġa sħiħa, huwa għalhekk meħtieġ li wieħed jiċċara aktar jew itemm ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva kkonċernata.

2. B'effett mill-1 ta' Lulju 2000, l-Istati Membri għandhom jirrifjutaw li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip tal-KE għal kull tip ta' vettura b'żewġ roti jew tlieta għal raġunijiet relatati ma' l-apparati protettivi maħsuba biex jipprevienu l-użu mhux awtorizzat jew kull tip ta' apparat protettiv maħsub biex jipprevienu l-użu mhux awtorizzat jekk il-ħtiġiet tad-Direttiva 93/33/KEE, kif emendata b'din id-Direttiva, ma jintlaħqux.

(3) Billi għal dan il-għan huwa meħtieġ li wieħed jadatta d-dispożizzjonijiet rigward l-angolu ta' l-illokkjar ta' l-istering tal-kwadriċikli u dawk dwar it-tneħħija taċ-ċavetta minn apparati tat-tip 3 iddisinjati biex ikunu ffittjati fuq it-triċikli u l-kwadriċikli; billi, barra minn dan, huwa maħsub li jkun xieraq li l-vetturi b'żewġ roti jew tlieta jithallaw jiġu ffittjati b'apparati protettivi kontra l-użu mhux awtorizzat li jkunu approvati għall-vetturi b'erba' roti.

L-Artikolu 3(4) Billi l-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat għall-addattament għall-progress tekniku mwaqqaf bl-Artikolu 13 tad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE ⁽³⁾, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 98/91/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾,

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1999, id-dispożizzjonijiet meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar dan minnufih.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar 2000.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikollhom magħhom referenza ta' din ix-xorta fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif din ir-referenza għandha ssir.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-kamp irregolat minn din id-Direttiva.

⁽¹⁾ ĠU L 225, ta' l-10.8.1992, p. 72.⁽²⁾ ĠU L 188, tad-29.7.1993, p. 32.⁽³⁾ ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 11, tas-16.1.1999, p. 25.

L-Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

L-Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-9 ta' April 1999.

Għall-Kummissjoni

Martin BANGEMANN

Membri tal-Kummissjoni

L-ANNEX

1. Fil-Punt 3.1, it-test ġdid li ġej qed jiġi miżjud:

“Apparati protettivi maħsuba biex jipprevienu l-użu mhux awtorizzat approvati għal vetturi fil-kategoriji M_1 u N_1 b'mod konformi mad-Direttiva 74/61/KEE jistgħu wkoll jiġu ffittjati fuq vetturi b'żewġ roti jew tlieta.”

2. Il-Punt 3.11 qed jinbidel b'dan li ġej:

“3.11. Jekk ikun tat-tip 1, 2 jew 3 l-apparat protettiv għandu jkun iddisinjat b'tali mod li l-istering ikun jista' jiġi llokkjat biss f'angolu ta' l-anqas ta' 20° lejn ix-xellug u/jew il-lemin f'relazzjoni mal-pożizzjoni għad-dritt 'il quddiem, bl-eċċezzjoni ta' apparati ddisinjati biex ikunu ffittjati fuq it-triċikli u il-kwadriċikli.”

3. Il-Punt 4.1.2. qed jinbidel b'dan li ġej:

“4.1.2. Fil-każ ta' l-apparati protettivi tat-tip-3 m'għandux ikun possibbli li wieħed jissettja minn qabel is-sokra permezz ta' azzjoni dapparti ta' min juża l-vettura b'mod ikkombinat jew miżjud ma' tidwira taċ-ċavetta. Barra mill-kondizzjonijiet previsiti fil-Punt 3.2.3 u minbarra fil-każ tat-triċikli u l-kwadriċikli, m'għandux ikun possibbli li wieħed ineħħi ċ-ċavetta ladarba s-sokra tkun issettjata minn qabel.”
